12 ta' Ġunju, 1963.

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Sub-Lieutenant Jeremy J. Holland pro et noe

*versus*

George Spiteri

**Danni — Responsabiltà — Kolliżjoni — Sinjali għat-traffiku — Indicators.**

*Sewwieq ta' karozza huwa tenut li jagħti sinjal tan-naħa lil fejn sejjer jikser fi żmien utili qabel ma jagħmel dik il-manuvra. F'dan il-każ il-Qorti ddeċidiet li l-kolliżjoni ġrat minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jagħmel dan.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmijin — wara li jippremetti illi fit-12 ta Diċembru, 1962, fil-waqt li hu kien qed isuq il-karozza numru 24932, proprjetà tal-imsemmi John Zammit, fi Triq tal-Barrani, ħabtet miegħu "van" misjuqa mill-konvenut George Spiteri u b'hekk il-karozza misjuqa minnu ġiet danneġġjata konsiderevolment; — jitlob illi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tal-ħsarat kollha sofferti fil-karozza misjuqa minnu in konsegwenza tal-kolliżjoni fuq imsemmija u kawżata minħabba in-negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-istess konvenut; (2) jiġu likwidati l-istess danni minnu sofferti bħala ċessjonarju tad-drittijiet tal-imsemmi John Zammit fil-karozza fl-imsemmija jekk hemm bżonn, permezz ta' periti nominandi; u (3) il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma li

tiġi hekk likwidata in linea ta' danni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jeċċepixxi illi l-kolliżjoni in kwistjoni saret minħabba s-sewqan eċċessiv ta' l-attur u hu ma kellu ebda ħtija għaliha. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u dik *tal-konvenut*;

Rat id-degriet tas-17 ta' Jannar, 1963, li bih ġie nominat perit biex jirrelata jekk il-konvenut hux responsabbli għall-ħsarat sofferti mill-attur kif indikat fiċ-ċitazzjoni, u f'każ affermativ biex jillikwida d-danni sofferti u biex jissottometti l-osservazzjonijiet *kollha li għandhom* x'jaqsmu mal-każ;

Rat il-proċess verbali tas-seduti miżmuma *mill-perit* legali, kif ukoll ir-*relazzjoni ta' l-istess* perit;

Rat *in-nota* tal-Avukat Dottor Edward Fenech Adami, li biha jassumi l-atti tal-kawża bħala mandatarju ta' l-attur Holland peress li dan huwa *msiefer*;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża, fosthom id-depożizzjonijiet meħuda permezz tal-Imħallef supplenti;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li fit-12 ta' Diċembru, 1962, f'xis-2.30 a.m. ġrat kolliżjoni fit-triq ta' *Birżebbuġia*, magħrufa bħala "tal-Barrani" bejn Ħal-Tarxien u Bir-id-Deheb, kważi kif wieħed iħalli Ħal-Tarxien, fil-lokalità quddiem *il-junction* tat-triq magħrufa bħala "ta' Santu Kristu", bejn il-van numru 13054 *li kien isuqu* l-konvenut, li kien lejn Bir-Id-Deheb, u l-car *numru 24932 li kien* isuqu l-attur, li kien sejjer fl-istess direz-

zjoni, isegwi l-van. Bħala konsegwenza ż-żewġ vetturi sofrew ħsara, u l-attur jattribwixxi l-ħtija għal din *il-kolliżjoni,* u kwindi għad-danni sofferti mill-car li kien isuq, lil konvenut. Dan jiddeklina din il-ħtija u anzi jallega li l-istess ħtija hija kollha ta' l-attur;

Illi l-kolliżjoni ġrat b'dan il-mod. Il-konvenut ried jipproċedi mit-triq prinċipali ta' Birżebbuġa "tal-Barrani" għat-triq sekondarja fuq il-lemin tiegħu, "ta' Santu Kristu" li tagħti għal Ħal-Għaxaq, fejn ried imur, u għalhekk kiser mil-lane tax-xellug għal fuq il-lane tal-lemin biex wara li jaqsam għal kollox it-triq prinċipali jidħol f'Santo Cristo Road u jibqa' sejjer lejn Ħal-Għaxaq. Kif il-konvenut kien qiegħed jagħmel din il-manuvra laħaq fuqu l-attur, li l-car li kien isuq ħabat mal-ġenb tal-lemin fuq in-naħa ta' wara tal-van. Il-car missjuq mill-attur ma kienx proprjetà tiegħu, imma kien qiegħed għandu b'kiri "self drive";

Illi l-perit legali b'riferenza tar-raġunijiet minnu akkuratament svolti ssottometta: (a) illi l-attur mhux proprjetarju tal-car imma biss ċessjonarju ta' dan għall-ammont tad-danni u ġie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess proprjetarju; (b) illi l-konvenut ma kienx ħa l-prekawzjonijiet neċessarji meta ġie biex jaqsam it-triq u jidher li kien hemm negliġenza u mprudenza fl-aġir tiegħu; ċertament kien hemm "error of judgement" għaliex hu kien ra dawl ta' car warajh; (c) illi hemm provi forniti mill-attur li ma tantx jistgħu jiġu skartati li t-traffic indicator tax-xellug tal-van kien, sa ċertu ħin, qiegħed *jiffunzjona; (d) illi mhux eskluż illi t-traffic indicator tal-lemin* tal-van kien beda jiffunzjona fl-aħħar mument; imma meta kien wisq tard; (e) illi jekk jiġi ritenut illi t-traffic indicator tax-xellug tal-van kien mixgħul sal-aħħar mument ir-responsabilità tal-konvenut tikber iżjed. Ir-responsabilità tibqa' dejjem anke jekk skartata din l-ipotesi; (f) illi li speed tal-car tal-attur ma kienetx eċċessiva, konsidrat li fis-sorpass irid ikun

hemm certa aċċellerazzjoni; (g) illi li speed tal-van kienet normali;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali rigward ir-responsabilità tal-konvenut għall-kolliżjoni ndikata fiċ-ċitazzjoni, fis-sens li l-konvenut kien negliġenti u ma osservax tajjeb ir-regolamenti tat-traffiku meta ġie biex jikser mit-triq prinċipali li tagħti għal Bir-Id-Deheb biex imur għal Santo Cristo Road, jekk mhux għal ħaġa oħra, a parti l-kwistjoni tal-ħruġ tal-indicator, billi hu qabel ma għamel din il-kisra minn kważi nofs it-triq fejn kien jinsab, mar lejn ix-xellug ta' l-istess triq kważi rażenti mal-ħajt u naqqas li speed tal-van. Din il-manuvra anke weħidha, bilfors kellha tisvija u tisgwida lil attur, li raġjonevolment ma setax jaħseb li l-konvenut kien se jdur għal Santo Christo Road, anzi kellu jaħseb, kif ħaseb, li l-konvenut kien se jieqaf jew kien se jipproċedi għal xi triq sekondarja li hemm max-xellug f'dik il-lokalità, jew biex lilu jħallilu aktar libera t-triq u jkun jista' jgħaddi peress li kien qiegħed jifflaxxjalu d-dawl bil-head lamps tal-car. Il-konvenut kien ukoll negliġenti bil-manuvra l-oħra li għamel meta f'daqqa waħda min-naħa tax-xellug tat-triq "tal-Barrani" fejn kien jinsab, kiser għan-naħa l-oħra tat-triq, meta kif igħid hu stess kien jaf, permezz tad-dawl tal-head lamps, li kien ġej traffiku minn warajh u għamel hekk mingħajr ma qabel, u fil-ħin opportun, ta' pre-avviż, permezz tal-indicator, li kien sejjer jagħmel hekk. Il-konvenut igħid li meta għamel din l-aħħar manuvra dak id-dawl kien juri li t-traffiku ta' warajh kien għadu fil-bogħod ħafna u hu deherlu li kellu chance biżżejjed biex jikser. Imma jekk kien hemm id-distanza allegata mill-konvenut ċertament il-kolliżjoni ma kienetx issir. Jidher għalhekk ċar li kien hemm da parti tal-konvenut "an error of judgement". Anke din il-manuvra adoperata mill-konvenut, waħedha, tirrendih responsabbli għal dak li ġara;

Illi in kwantu għall-kwistjoni tal-indicator, l-attur u x-xhieda minnu prodotti jgħidu li għal ċertu żmien qabel u sal-mument tal-ħabta l-konvenut kellu t-traffic indicator tax-xellug tal-van mixgħul. Din iċ-ċirkostanza jekk vera, kif jidher li hija vera kif se jingħad, iżżid b'mod rilevanti r-responsabilità tal-konvenut. Il-konvenut u x'uħud mix-xhieda minnu prodotti, jinnegaw din iċ-ċirkostanza u jgħidu li qabel il-ħabta l-van kellu mixgħul it-traffic indicator tal-lemin u mhux dak tax-xellug, għaliex dan l-aħħar indicator ma kellux għalfejn ikun mixgħul dak il-mument. B'sostenn ta' din il-versjoni tal-konvenut ġie sottomess fid-dibattitu orali li ġie pruvat li wara l-ħabta t-traffic indicator tal-lemin tal-van kien għadu jixgħel; li mhux possibili li ż-żewġ indicators ikunu jixgħelu fl-istess ħin; u li l-attur seta' ftiehem max-xhieda tiegħu rigward din iċ-ċirkostanza minnu deposta. Il-Qorti f'dan ir-rigward tirritjeni li hi korretta l-versjoni ta' l-aħħar, jew aħjar tirritjeni li l-indicator tal-lemin tal-van inxtegħel mal-ħabta: qabel kien jinsab mixgħul l-indicator tax-xellug. Għal dak li ġie sottomess min-naħa tal-konvenut, jiġi osservat li jekk l-attur seta' ftehim max-xhieda tiegħu biex isostnuh fit-teżi tiegħu, daqstant ieħor hemm il-possibilità li l-konvenut seta' ftehim ma' dawk mix-xhieda biex isostnu t-tesi kuntrarja. Però jiġi rilevat li jekk talvolta kien hemm xi prekonċett bejn l-attur u x-xhieda minnu prodotti, l-istess sar biss bil-ħsieb li jkun hemm korroborazzjoni taċ-ċirkostanza minnu msemmija; fis-sens li l-istess ċirkostanza, ċioè li minn qabel u sal-mument tal-ħabta l-van kellu mixgħul it-traffic indicator tax-xellug u mhux dak tal-lemin, l-attur ma ħoloqiex u ma ivventahiex f'xi żmien wara l-kolliżjoni bħala protest biex isservih għall-finijiet tal-kawża — Infatti, kif xehed P.S. 781 Bugeja meta hu mar fuq il-post l-attur qallu li l-van tal-konvenut kellu l-left indicator jixgħel, u li meta ra hekk hu ħareġ fuq il-lemin biex jaqbżu; ix-xhud John Maria Caruana, prodott mill-konvenut, igħid li immedjatament, wara l-ħabta, qabel ma kien waslu l-Pulizija, kif hu u oħrajn marru fuq l-attur, dan qalilhom li kien irid il-

Pulizija, u li kien ra l-left indicator tal-van mixgħul, u l-konvenut igħid li wara l-ħabta l-attur ma riedx jkellem, imma Pulizija ried, u li meta ġew il-Pulizija semgħa lill-attur igħid illi l-van qabel ma dar lejn il-lemin kellu l-indicator tax-xellug jixgħel. Verament, huwa fatt li l-indikator tal-lemin tal-van instab jixgħel mill-Pulizija meta dawn marru fuq il-post.

Il-konvenut xehed li hu isswiċċja l-indicator tal-lemin biex qabad it-triq ta' Ħal-Għaxaq; u jeskludi b'mod assolut li kien isswiċċja l-indicator ta' fuq ix-xellug qabel ma isswiċċja dak tal-lemin. Però l-konvenut xehed ukoll li ma jiftakarx jekk meta ħalla Ħal Tarxien u dar biex jiġbed it-triq id-dritta, dik ta' Birġebbuġa, magħrufa bħala "tal-Barrani", kienx ħareġ l-indicator tax-xellug. Mhux raġjonevolment presumibili li l-konvenut meta ħalla Ħal Tarxien u ġie biex idur għat-triq tal-Barrani ma ħariġx l-indicator tax-xellug tal-van, darba li ried imur lejn Bir-id-Deheb: normalment, driver attent u diliġenti jagħmel hekk, għaliex f'dik il-lokalità driver irid, bħala prekawzjoni, tant għat-traffiku li jkun ġej minn warajh kemm għal dak li jkun se jgħaddi minn quddiemu, jindika 'l fejn ikun se jmur, hux lejn in-naħa ta' Bir-id-Deheb, lejn ix-xellug, jew dritt, ftit fuq il-lemin, lejn Santa Luċija jew Ħal-Luqa jew il-Marsa. U l-provi juru li l-konvenut kien wkoll għamel hekk. Infatti, ix-xhud John Maria Caruana jgħid li ftit qabel ma l-konvenut kiser, kien ra fuq id-dash board dawl aħdar li juri li wieħed mill-indicators kien jixgħel. Meta sa **ftit qabel ma** kiser min-naħa tax-xellug tat-triq "tal-Barrani" għan-naħa l-oħra, wieħed mill-indicators kien jixgħel, tax-xellug jew tal-lemin. Ix-xhud Carmelo Buhagiar igħid li hu ra d-dawl aħdar tad-dash board jixgħel fl-istess ħin tal-ħabta: "dawl u daqqa fl-istess ħin" igħid dan ix-xhud. Meta sa ftit qabel ma kiser u sa meta dar fuq il-lemin tat-triq, il-van kellu mixgħul l-indicator tax-xellug; u mbagħad ġie mixgħul l-indicator l-ieħor. Din iċ-ċirkostanza tispjega dak li xehed l-attur u x-xhieda minnu prodotti, ċioè li minn qabel il-ħabta u sa-

kemm saret l-istess ħabta ma rawx mixgħul l-indicator tal-lemin tal-van, imma dak biss tax-xellug. Għalhekk, kif issottometta l-perit legali, il-konvenut kien negliġenti meta xegħel l-indicator tal-lemin tal-van *fl-aħħar mument. L-indicator* għandu jiġi azzjonat fi żmien utili biex iservi għall-iskop li għalih huwa destinat. Il-konvenut jirrikonoxxi *li kien jaf li* kien ġej traffiku minn warajh, u għalhekk darba li kien se in-*terċetta t-triq għal* "on coming traffic" kien messu, u fi żmien utili, *joħroġ l-indicator* (Vol. XXXVIII.IV. 782, 868);

Illi b'dan il-mod isegwi li l-konvenut huwa responsabili għall-kolliżjoni, u bħala tali għandu jirrispondi għad-danni sofferti mill-attur bħala ċessjonarju tad-drittijiet ta' John Zammit sid il-car fuq imsemmi. Il-perit legali għar-raġunijiet minnu *sottomessi kkonkluda li* d-danni kaġonati in konsegwenza tal-inċident kienu ta' żewġ kwalità, ċioè damnum emergens u lucrum cessans, u kienu b'kollox *għal £77.10.0. Rigward* dawn id-danni, l-attur ipproduċa l-istima relativa *magħmula* mid-ditta "Mamo Brothers", li turi l-istess danni *fis-somma* komplessiva ta' £104.2.5. *Kif* ġie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' *Mejju*, 1963, *il-konvenut* iddikjara li f'każ li l-Qorti kellha *tirritjeni, kif fil-fatt qiegħda* tirritjeni skond ma ngħad, li huwa responsabili *għall-kolliżjoni, hu ma* jopponix li d-danni msemmijin jiġu likwidati fis-somma ndikata fl-istima prodotta mill-attur. In vista ta' din id-dikjarazzjoni dina l-Qorti tillikwida l-istess danni fis-somma ta' £104.2.5.

*Għal dawn ir-raġunijiet,*

Tiddeċiedi skond id-domandi, billi *tiddikjara lil konvenut* responsabili tad-danni kollha sofferti fil-karrozza misjuqa mill-attur b'konsegwenza tal-kolliżjoni *ndikati fiċ-ċitazzjoni*; tillikwida *l-istess danni sofferti* mill-attur bħala ċessjonarju tad-drittijiet *ta'* John Zammit fl-istess karozza fis-somma komplessiva ta' mija u erba' liri, żewġ xelini u ħames soldi; u

ikkundanna lil konvenut iħallas lil attur din is-somma hekk likwidata ta' £104.2.5 in linea ta' danni. *L-ispejjeż iħallashom* kollha l-konvenut.